MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 713/2005

**Carmel Cutajar, Publius Cutajar, Raymond Cutajar u Emanuel Cutajar**

***Versus***

**Antonia Cilia mart Angelo, Maria Dolores *sive* Doris Montebello u Theresa Borg mart George**

Din hija kawża dwar qsim ta’ wirt.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-partijiet huma wlied il-mejtin Salvatore *sive* Louis Cutajar, illi miet fil-25 ta’ Jannar 2003, u Maria Carmela Cutajar, li mietet fil-5 ta’ Diċembru 1994. Il-wirt ta’ Salvatore u Maria Carmela Cutajar huwa regolat b’testment *unica charta* tat-22 t’Ottubru 1979 fl-atti tan-Nutar Joseph Agius li bis-saħħa tiegħu t-testaturi ħatru lis-seba’ uliedhom, il-partijiet fil-kawża tallum, werrieta tagħhom f’ishma ndaqs bejniethom.

Billi l-atturi ma ridux jibqgħu jżommu l-beni tal-wirt mal-konvenuti fi stat ta’ komunjoni, talbu illi l-qorti:

1. tgħid illi l-partijiet huma werrieta f'ishma ndaqs bejniethom tal-ġenituri tagħhom Salvatore u Maria Carmela Cutajar;
2. tillikwida l-assi tal-wirt ta' Salvatore u Maria Carmela Cutajar;
3. taqsam l-assi tal-wirt f'seba' (7) ishma ndaqs;
4. tassenja – jekk ikun il-każ, bix-xorti – lil kull wieħed u waħda mill-partijiet sehem wieħed minn dawn is-seba' ishma;
5. jekk il-beni tal-wirt ma jistgħux jinqasmu f'seba' ishma li jiswew indaqs, tordna illi l-beni li ma jinqasmux jinbigħu b'liċitazzjoni, b'dan illi jistgħu joffru wkoll il-barranin, sabiex ir-rikavat tal-bejgħ, flimkien ma' flus likwidi u flus tal-wirt f'depożiti bankarji, jinqasmu f'seba' ishma ndaqs u jingħata sehem lil kull wieħed u waħda mill-partijiet;
6. taħtar nutar pubbliku sabiex jilqa' kull kuntratt li jista' jkun meħtieġ;
7. tagħti data, ħin u post għall-pubblikazzjoni tal-att, jew biex tiġi iffirmata kull kitba oħra li tista' tkun meħtieġa sabiex jingħata effett sħiħ għall-provvedimenti li tagħti l-qorti; u
8. taħtar kuratur biex jidher f'isem min ma jersaqx għall-pubblikazzjoni tal-att jew biex jiffirma kull kitba oħra li tkun meħtieġa.

Talbu wkoll l-ispejjeż tal-kawża.

Il-konvenuti wieġbu b'nota ta' eċċezzjonijiet ippreżentata fil-15 ta' Settembru 2005.

Waqt is-smigħ tal-kawża il-partijiet waslu għal ftehim dwar il-qsim tal-wirt li ġie verbalizzat hekk fis-seduta tal-25 ta' Ġunju 2009:

Il-partijiet jaqblu li l-beni immobbli kollha tal-wirt għandhom jinbigħu kollha b'liċitazzjoni u r-rikavat jinqasam bejniethom f'ishma ndaqs *per capita*;  il-flus fil-bank jiġu żbankati u jinqasmu bl-istess mod;  il-ħwejjeġ tad-deheb u metalli u ħaġar prezzjużi jkunu stmati minn Antoine Debono u jinqasmu minnu f'seba' ishma li jittellgħu bix-xorti bejn il-partijiet bil-possibbiltà ta' ekwiparazzjoni jekk l-ishma ma jkunux indaqs.

… … …  L-atturi jipproponu illi l-ispejjeż jinqasmu f'ishma ndaqs *per capita*;  il-konvenuti jaqblu ma' din il-proposta.

Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża skond il-ftehim bejn il-partijiet:

1. tilqa' l-ewwel talba billi tgħid illi l-partijiet huma werrieta fis-sehem ta' wieħed minn sebgħa (1/7) kull wieħed u waħda tal-wirt tal-ġenituri tagħhom Salvatore u Maria Carmela Cutajar;
2. tgħid illi l-beni tal-wirt huma dawk elenkati fil-prospett esebit bħala dok CC1, *foll.* 22 *et seq.* tal-proċess, li magħhom jiżdiedu l-imgħaxijiet li baqgħu telgħin fuq id-depożiti bankarji;
3. tordna li l-beni immobbli tal-wirt jinbigħu b'liċitazzjoni, u għal dan il-għan tadotta l-istima maħlufa mill-A.I.Ċ. Mario Cassar fit-22 ta' Jannar 2009, *foll*. 194 *et seqq.*;
4. tordna li r-rikavat mill-bejgħ jinqasam f'seba' (7) ishma ndaqs u jingħata sehem lil kull wieħed u waħda mill-partijiet;
5. tordna li jinġibdu l-flejjes kollha tal-wirt depożitati fil-banek kummerċjali, flimkien mal-imgħaxijiet relativi, u għal dan il-għan din is-sentenza titqies bħala awtorità biżżejjed biex il-banek kummerċjali jitilqu l-flejjes f'idejn l-Avukat Chris Cilia u l-Avukat Robert Mangion flimkien, li wkoll flimkien jagħtu kwittanza għall-flejjes f'isem il-partijiet;
6. tordna li l-flejjes kollha miġbuda mill-banek kummerċjali jinqasmu f'seba' (7) ishma ndaqs u jingħata sehem lil kull wieħed u waħda mill-partijiet;
7. taħtar lil Antoine Debono sabiex, wara li jagħmel stima tal-ħwejjeġ tad-deheb u metalli u ħaġar prezzjużi, jaqsam dawn il-ħwejjeġ f'seba' (7) ishma kemm jista' jkun indaqs, b'ekwiparazzjoni fi flus jekk ikun il-każ, u wara li jtella' x-xorti jagħti sehem lil kull wieħed u waħda mill-partijiet;

tordna illi l-ispejjeż kollha ġudizzjarji u dawk meħtieġa biex isisr il-qsim tal-beni skond il-paragrafi ta' qabel dan dan jinqasmu f'ishma ndaqs bejn kull wieħed u waħda mill-partijiet, b'mod illi kull parti tħallas sehem wieħed minn sebgħa (1/7) tal-ispejjeż kollha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------